# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 25 ta' Ġunju 2025**

**Rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni nru. 892/2025/1**
**fl-ismijiet:**

## George Cutajar u David Borg

**v**

## Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk

Il-qorti reġgħet rat ir-rikors tal-4 ta' Ġunju 2025; rat ir-risposta tas-16 ta' Ġunju 2025 u semgħet it-trattazzjoni.

Ir-rikorrenti għandhom rimedju fil-forma t'appell mid-deċiżjoni tal-Kunsill intimat skont l-artikolu 15 tal-Kap. 441. Il-qorti ġiet mgħarrfa waqt it-trattazzjoni li huma fil-fatt ressqu appell anki jekk, kif jgħidu, sabu xi diffikultajiet loġistiċi biex iressquh.

Li jkun jeżisti rimedju mhux neċessarjament ostakolu għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, iżda hu fattur importanti li l-qorti għanda tqis meta tkun qiegħda tara jekk hemmx il-ħtieġa tal-miżura mitluba.

F'dan il-każ hu pjuttost ovvju li din il-ħtieġa hi nieqsa, kemm għaliex ma hemm xejn li juri li r-rimedju mhux effettiv, u kif ukoll għaliex it-telf li jgħidu li ser isofru jista' faċilment jiġi kkumpensat jekk ir-rikorrenti għandhom raġun.

Billi jonqos element tal-ħtieġa tal-mandat, il-Qorti m'għandix għalfejn tqis hemmx dritt *prima facie,* iżda żżid li lanqas dan l-element ma ntwera.

It-talba hi għalhekk miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Mogħti *in camera.*

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur